KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RANTOS
ippreżentati fit-18 ta' Diċembru 2025 [1]

Kawża C-145/24 P

BdM Banca SpA, li kienet Banca Popolare di Bari SpA
vs

Il-Kummissjoni Ewropea

"Appell – Għajnuna mill-Istat – Għajnuna mogħtija mill-awtoritajiet Taljani favur Banca Tercas – Intervent tal-Fondo interbancario di tutela dei depositi (il-Fond Interbankarju għall-Protezzjoni tad-Depożiti, l-Italja) (FITD) sabiex jiġi kopert it-telf ta' Banca Tercas u jiġi sostnut il-bejgħ tiegħu lil Banca Popolare di Bari – Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1208 li tiddikjara l-miżura bħala għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern – Deċiżjoni annullata permezz tas-sentenza tad-19 ta' Marzu 2019, L-Italja *et* vs Il-Kummissjoni (T-98/16, T-196/16 u T-198/16, EU:T:2019:167) – Sentenza kkonfermata fl-appell permezz tas-sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs L-Italja *et* (C-425/19 P, EU:C:2021:154) – Rikors għad-danni – It-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE – Terminu ta' preskrizzjoni – Kunċett ta' 'ksur suffiċjentement serju' tad-dritt tal-Unjoni – Rabta kawżali"

Introduzzjoni

1. Permezz tal-appell tagħha, BdM Banca S.p.A., li kienet Banca Popolare di Bari SpA (iktar 'il quddiem l-"appellanti") titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-20 ta' Diċembru 2023, Banca Popolare di Bari vs Il-Kummissjoni (T-415/21, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2023:833), li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors tagħha intiż għall-ksib ta' kumpens għad-dannu kkawżat mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1208 tat-23 ta' Diċembru 2015 dwar l-għajnuna mill-Istat li l-Italja implimentat favur il-Banca Tercas (Il-każ SA.39451 (2015/C) (ex 2015/NN) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni Tercas") [2].

2. Dan l-appell jistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja teżamina aspetti klassiċi relatati mal-kawżi għad-danni li jirriżultaw minn responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea bħal, qabelxejn, il-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni previst fl-Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fir-rigward tad-distinzjoni bejn dannu "immedjat" u "kontinwu", sussegwentement, l-eventwali klassifikazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE bħala "suffiċjentement serju" fis-sens tat-tieni paragrafu

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] ĠU 2016, L 203, p. 1.

tal-Artikolu 340 TFUE u, fl-aħħar nett, l-evalwazzjoni tar-rabta kawżali bejn l-aġir ikkritikat, f'dan il-każ tal-Kummissjoni, u d-dannu allegatament imġarrab mill-appellanti, b'mod partikolari fil-preżenza ta' kawżi potenzjali konkomitanti ta' dan id-dannu.

Il-fatti li wasslu għall-kawża u s-sentenza appellata

3. Permezz tad-deċiżjoni Tercas, il-Kummissjoni qieset li l-intervent, awtorizzat fis-7 ta' Lulju 2014 mill-Banca d'Italia (il-Bank tal-Italja), tal-Fondo interbancario di tutela dei depositi (il-Fond Interbankarju għall-Protezzjoni tad-Depożiti, l-Italja, iktar 'il quddiem il-"FITD") favur Banca Tercas (iktar 'il quddiem "Tercas")[3] li l-assi kollha tagħha kienu miżmuma mill-1 ta' Ottubru 2014, mill-appellanti, kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, li kellha tiġi rkuprata mingħand il-benefiċjarju tagħha[4]. Fl-4 ta' Frar 2016, il-FITD wettaq "intervent volontarju" favur Tercas u, fl-14 ta' Lulju 2016, l-appellanti ngħaqdet permezz ta' assorbiment ma' Tercas.

4. Permezz ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2019, L-Italja *et* vs Il-Kummissjoni[5], ikkonfermata fl-appell permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs L-Italja *et*[6] (iktar 'il quddiem, flimkien, is-"sentenzi Tercas"), id-deċiżjoni Tercas ġiet annullata. Wara dawn is-sentenzi, l-appellanti talbet lill-Kummissjoni kumpens għad-danni allegatament imġarrba minħabba l-adozzjoni tad-deċiżjoni Tercas, talba li ġiet miċħuda mill-Kummissjoni.

5. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tal-appellanti intiż sabiex jinkiseb kumpens għal dawn id-danni. Wara li kkonstatat li l-kundizzjonijiet dwar l-illegalità tal-aġir u l-eżistenza ta' rabta kawżali ma kinux issodisfatti[7] din ikkonkludiet li dan ir-rikors kellu jiġi miċħud, mingħajr ma kien neċessarju li tiġi eżaminata l-kundizzjoni marbuta mar-realtà tad-dannu[8].

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

6. Fis-26 ta' Frar 2024, l-appellanti ppreżentat appell mis-sentenza appellata. Hija titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha, minn naħa, tannulla s-sentenza appellata u, min-naħa l-oħra, prinċipalment, tiddeċiedi definittivament il-kawża kif ukoll li tikkundanna lill-Unjoni,

[3] L-intervent tal-FITD kien jinkludi tliet miżuri ta' għajnuna, jiġifieri, l-ewwel, kontribuzzjoni ta' EUR 265 miljun intiża sabiex tkopri l-ekwità negattiva ta' Tercas, it-tieni, garanzija ta' EUR 35 miljun intiża sabiex tkopri r-riskju ta' kreditu marbut ma' ċerti skoperturi ta' Tercas u, it-tielet, garanzija ta' EUR 30 miljun intiża sabiex tkopri l-ispejjeż li jirriżultaw mit-trattament fiskali tal-ewwel miżura.

[4] Matul is-sena 2012, wara irregolaritajiet identifikati mill-Bank tal-Italja, Tercas tqiegħdet taħt amministrazzjoni straordinarja mill-Gvern Taljan. Wara l-intervent tal-FITD, din il-miżura tneħħiet u saru diversi żidiet fil-kapital, b'mod partikolari, mill-appellanti sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni ekonomika ta' Tercas.

[5] T-98/16, T-196/16 u T-198/16, iktar 'il quddiem is-"sentenza Tercas tal-Qorti Ġenerali", EU:T:2019:167.

[6] C-425/19 P, iktar 'il quddiem is-"sentenza Tercas tal-Qorti tal-Ġustizzja", EU:C:2021:154.

[7] Minn naħa, fir-rigward tal-kundizzjoni dwar l-illegalità tal-aġir li bih hija kkritikata l-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali, filwaqt li kkonstatat li l-Artikolu 107(1) TFUE, invokat mill-appellanti f'dan il-każ, kellu jiġi kklassifikat bħala "regola li għandha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi" (punti 76 sa 96 tas-sentenza appellata), ikkonkludiet li ma kienx hemm ksur suffiċjentement serju ta' din ir-regola (punti 101 sa 125 ta' din is-sentenza). Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-kundizzjoni dwar l-eżistenza ta' rabta kawżali, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-appellanti ma kinitx stabbilixxiet l-eżistenza ta' rabta kawżali diretta bejn l-aġir allegatament illegali tal-Kummissjoni u d-danni allegati (punti 126 sa 161 tal-imsemmija sentenza).

[8] Madankollu, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-azzjoni kienet preskritta f'dak li jirrigwarda wieħed mill-kapijiet tad-danni invokati mill-appellanti, jiġifieri dak marbut mad-dannu bbażat fuq it-tnaqqis tan-numru ta' impjegati (punt 61 tas-sentenza appellata).

irrappreżentata mill-Kummissjoni, tħallasha s-somma ta' EUR 203.3 miljuni bħala kumpens għad-danni materjali u ammont xieraq bħala kumpens għad-danni morali, kif ukoll li tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż u, sussidjarjament, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali.

7. Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appell bħala inammissibbli jew ineffettiv u, fi kwalunkwe każ, bħala infondat fl-intier tiegħu jew, sussidjarjament, li tiċħad it-talba għal kumpens bħala totalment infondata, kif ukoll li tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

8. Is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja nstemgħu fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2025.

Analiżi

9. L-appell huwa bbażat fuq tliet aggravji, li jirrigwardaw, l-ewwel wieħed, il-preskrizzjoni tal-azzjoni fil-qasam tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali, fis-sens tal-Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fir-rigward ta' wieħed mill-kapijiet ta' danni; it-tieni wieħed, il-klassifikazzjoni tal-allegat ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE bħala "suffiċjentement serju" fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE; u, it-tielet wieħed, l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir ilmentat fil-konfront tal-Kummissjoni u d-danni allegatament imġarrba mill-appellanti fis-sens ta' din l-aħħar dispożizzjoni.

Fuq l-ewwel aggravju tal-appell

10. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, sa fejn il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li r-rikors kien inammissibbli sa fejn kien jirrigwarda d-dannu relatat mat-tnaqqis tan-numru ta' impjegati. L-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli kkunsidrat li dan id-dannu kien ikkonkretizza ruħu waqt l-adozzjoni tal-pjan ta' inċentiv implimentat fit-30 ta' Diċembru 2015 (iktar 'il quddiem il-"pjan ta' inċentiv")[9] u kien ta' natura istantanja[10]filwaqt li, fir-realtà, l-imsemmi dannu ma jirriżultax minn dan il-pjan iżda minn operazzjonijiet ulterjuri li wasslu għat-tnaqqis konkret tan-numru ta' impjegati u għalhekk huwa ta' natura kontinwa[11].

11. Skont l-Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li huwa applikabbli għall-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 ta' dan l-Istatut, l-azzjonijiet kontra l-Unjoni fil-qasam tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali jiġu

[9] Dan kien, b'mod iktar partikolari, ftehim konkluż bejn l-appellanti u l-organizzazzjonijiet sindakali dwar pjan ta' inċentiv għat-tluq, intiż għall-persunal impjegat, sabiex jitnaqqas in-numru ta' impjegati bi 85 persuna.

[10] Għaldaqstant, it-terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin kien skada meta l-appellanti ressqet it-talba tagħha minn qabel quddiem il-Kummissjoni (ara, f'dan ir-rigward, il-punti 61 u 68 tas-sentenza appellata).

[11] Skont l-appellanti, id-dannu inkwistjoni ma kienx immedjatament perċepibbli meta ġie konkluż il-pjan ta' inċentiv (it-30 ta' Diċembru 2015), peress li, f'din id-data, kien possibbli biss li jiġi stmat l-ammont tal-oneru li għandu jiġi sostnut (li ngħata b'mod antiċipat matul is-sena finanzjarja 2015), filwaqt li l-ħlasijiet kienu saru f'data sussegwenti, jiġifieri sa fejn l-impjegati aċċettaw dan il-pjan propost mill-appellanti. Kuntrarjament għall-pożizzjoni difiża mill-Kummissjoni, dan l-aggravju huwa, fil-fehma tiegħi, ammissibbli, sa fejn l-appellanti ma għandhiex l-intenzjoni li tikseb evalwazzjoni ġdida tal-provi u tal-fatti mill-Qorti Ġenerali (mingħajr ma tinvoka żnaturament tal-fatti) iżda tikkontesta l-klassifikazzjoni ġuridika ta' dawn il-fatti, peress li l-Qorti Ġenerali, essenzjalment, ikklassifikat l-allegat dannu bħala "istantanju" iżda mhux bħala "kontinwu".

preskritti f'ħames snin li jibdew jiddekorru minn meta jseħħ il-fatt li jagħti lok għalihom [12]. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan it-terminu jibda jiddekorri meta l-kundizzjonijiet li għalihom huwa suġġett l-obbligu ta' kumpens ikunu ssodisfatti u, b'mod partikolari, meta jimmaterjalizza ruħu d-dannu li għandu jiġi kkumpensat [13]. Għalhekk, l-imsemmi terminu jibda jiddekorri mhux mid-data tal-fatt dannuż, iżda mill-mument li fih id-dannu effettivament seħħ fil-konfront tal-persuni kkonċernati [14].

12. Fil-punt 61 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali llimitat ruħha li tirrileva li d-dannu bbażat fuq it-tnaqqis tan-numru ta' impjegati kien jirriżulta mill-pjan ta' inċentiv, li ġie stabbilit fit-30 ta' Diċembru 2015, u għalhekk li t-terminu ta' preskrizzjoni skada meta l-appellanti ressqet it-talba tagħha quddiem il-Kummissjoni, mingħajr ma pprovdiet spjegazzjonijiet speċifiċi dwar in-natura tad-dannu inkwistjoni.

13. F'dan ir-rigward, nirrileva li, sa fejn il-pjan ta' inċentiv kellu natura vinkolanti, l-allegat dannu immaterjalizza ruħu fid-data tiegħu [15], il-fatt li dan il-pjan ġie eżegwit b'mod iddifferit fiż-żmien huwa irrilevanti [16]. Fil-fatt, "dannu kontinwu" għandu jinftiehem bħala dannu li ma jseħħx matul avveniment wieħed, iżda li jidher u li jiżviluppa progressivament, li d-daqs tiegħu jiżdied proporzjonalment maż-żmien li jkun għadda [17]. Fi kliem ieħor, il-kawża tad-dannu ma hijiex ikkostitwita minn avveniment wieħed iżda minn sitwazzjoni li tippersisti, filwaqt li, f'dan il-każ, id-dannu allegat jibqa' fiss sa mill-adozzjoni tal-pjan ta' inċentiv.

14. Huwa minnu li, fid-data tal-adozzjoni tal-pjan ta' inċentiv, l-appellanti ma kinitx f'pożizzjoni li tikkwantifika l-ammont eżatt tad-dannu, li seta' jvarja skont is-suċċess jew il-falliment ta' dan il-pjan. Madankollu, f'din id-data, hija setgħet tevalwa l-ammont massimu tad-dannu allegat u li talloka r-riżorsi meħtieġa sabiex tiġi affrontata din l-eventwalità. Barra minn hekk, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE ma jipprekludix li tiġi adita l-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiġi kkonstatata bħala prinċipju r-responsabbiltà tal-Unjoni minħabba danni imminenti u prevedibbli b'ċertezza suffiċjenti, anki jekk id-dannu jkun għadu ma jistax jiġi kkalkolat bi preċiżjoni [18].

15. Barra minn hekk, anki jekk jitqies, bħal ma tagħmel l-appellanti, li d-dannu allegat beda jimmanifesta ruħu "mill-ewwel ħlas" jew li l-effetti tiegħu kienu jseħħu progressivament hekk kif l-impjegati jaċċettaw il-pjan ta' inċentiv, madankollu dawn iċ-ċirkustanzi ma jimplikawx li dan id-dannu jista' jiġi kklassifikat bħala "kontinwu". Fil-fehma tiegħi, f'tali sitwazzjoni, minn naħa,

[12] Kif fakkret il-Qorti Ġenerali fil-punt 29 tas-sentenza appellata, dan it-terminu għandu l-funzjoni, minn naħa, li jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuna leża, peress li din għandu jkollha żmien suffiċjenti sabiex tiġbor informazzjoni xierqa fid-dawl ta' rikors eventwali, u, min-naħa l-oħra, li jiġi evitat li din il-persuna tkun tista' ddewwem indefinittivament l-eżerċizzju tad-dritt tagħha għad-danni. Il-Qorti Ġenerali ċċitat, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-8 ta' Novembru 2012, Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni (C-469/11 P, EU:C:2012:705, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata) kif ukoll tas-7 ta' Lulju 2021, Bateni vs Il-Kunsill (T-455/17, EU:T:2021:411, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[13] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-19 ta' April 2007, Holcim (Deutschland) vs Il-Kummissjoni (C-282/05 P, EU:C:2007:226, punt 29), kif ukoll tat-8 ta' Novembru 2012, Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni (C-469/11 P, EU:C:2012:705, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[14] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' April 2007, Holcim (Deutschland) vs Il-Kummissjoni (C-282/05 P, EU:C:2007:226, punt 30) u tat-28 ta' Frar 2013, Inalca u Cremonini vs Il-Kummissjoni (C-460/09 P, EU:C:2013:111, punt 60).

[15] Fil-kuntest tar-rikors tagħha fl-ewwel istanza, l-appellanti rrikonoxxiet, essenzjalment, li l-oneru relatat ma' dan il-pjan ġie "evalwat b'mod puntwali u antiċipat għas-sena finanzjarja 2015", filwaqt li ġie "imġarrab matul is-snin segwenti".

[16] Barra minn hekk, l-appellanti ma ltaqgħetx ma' diffikultajiet fil-kwantifikazzjoni ta' dan id-dannu abbażi ta' ammont ipprovdut fil-31 ta' Diċembru 2015.

[17] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Frar 2013, Inalca u Cremonini vs Il-Kummissjoni (C-460/09 P, EU:C:2013:111, punt 80 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Ara, ukoll Baranowska, N., Machnikowski, P., "European Union", *Prescription in tort law: analytical and comparative perspectives*, Intersentia, Cambridge, 2020, p. 706; kif ukoll Dimitrova, Y., u Picod, F., "La prescription dans l'action en responsabilité contre l'Union européenne", *Revue des affaires européennes*, 2021, Nru 4, p. 858.

[18] Ara, b'mod partikolari, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jääskinen fil-kawża Inalca u Cremonini vs Il-Kummissjoni (C-460/09 P, EU:C:2012:632, punt 45 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

l-ebda bażi legali ma tippermetti li ssir distinzjoni bejn l-ewwel ħlas u dawk segwenti [19] u, min-naħa l-oħra, l-imsemmi dannu jikkonsisti pjuttost f'numru ta' danni marbuta mal-aċċettazzjonijiet suċċessivi mill-impjegati tal-pjan ta' inċentiv, fejn kull wieħed minnhom huwa suġġett għat-terminu ta' preskrizzjoni tiegħu stess.

16. F'dan ir-rigward, madankollu, kif tirrileva l-Kummissjoni fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-appellanti ddefinixxiet it-talba tagħha għal kumpens billi rreferiet għall-fond inkluż fil-bilanċ kontabbli tal-31 ta' Diċembru 2015 u ma pproduċiet ebda prova dwar id-diversi mumenti meta l-impjegati aċċettaw il-pjan ta' inċentiv propost mill-appellanti.

17. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, inqis li l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tieni aggravju

18. It-tieni aggravju huwa bbażat fuq ksur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, sa fejn il-Qorti Ġenerali eskludiet li l-aġir illegali tal-Kummissjoni kien jikkostitwixxi "ksur suffiċjentement serju" tad-dritt tal-Unjoni u ma applikatx b'mod korrett il-kriterju tal-ksur gravi u manifest ta' dan id-dritt. Skont l-appellanti, minn naħa, il-Kummissjoni ma kellha ebda marġni ta' evalwazzjoni sabiex tevalwa jekk l-intervent tal-FITD favur Tercas kienx jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, jew, fi kwalunkwe każ, kellha marġni ta' evalwazzjoni mnaqqas u, min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali ma kellhiex tieħu inkunsiderazzjoni l-kumplessità fattwali u legali tal-kawża li hija s-suġġett tad-deċiżjoni Tercas jew, fi kwalunkwe każ, kellha teskludi din il-kumplessità f'dan il-każ.

19. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, minkejja l-iżball ta' evalwazzjoni imputabbli lill-Kummissjoni [20] hija ma kinitx wettqet ksur suffiċjentement serju tal-Artikolu 107(1) TFUE, minħabba li l-irregolarità mwettqa minnha ma kinitx estranja għall-aġir normali, prudenti u diliġenti ta' istituzzjoni inkarigata li tiżgura l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni [21].

20. Preliminarjament, infakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li għandha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi, li hija waħda mill-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni jiġi stabbilit meta dan jimplika ksur manifest u gravi mill-istituzzjoni

[19] Nosserva, barra minn hekk, speċi ta' kontradizzjoni fl-argumenti mressqa mill-appellanti, li, wara li sostniet li d-dannu inkwistjoni ma setax jiġi kkalkolat, iżda sempliċement stmat waqt il-konklużjoni tal-pjan ta' inċentiv, issostni li d-dannu allegat beda jipproduċi l-effetti tiegħu biss mill-ewwel ħruġ tal-flus, jiġifieri f'data li fiha dan id-dannu lanqas ma seta' jiġi kkalkolat b'mod definittiv.

[20] Skont il-Qorti Ġenerali, l-illegalità tad-deċiżjoni Tercas kienet tirriżulta minn żball kunċettwali marbut ma' konfużjoni bejn il-kundizzjoni dwar l-imputabbiltà ta' għajnuna u fir-rigward tar-riżorsi tal-Istat kif ukoll minn nuqqas tal-Kummissjoni li tipprovdi u ssostni indizji suffiċjenti ta' natura li jistabbilixxu li l-miżura inkwistjoni kienet imputabbli lill-Istat (ara, f'dan ir-rigward, il-punt 115 tas-sentenza appellata).

[21] Ara l-punti 114 sa 123 tas-sentenza appellata.

kkonċernata tal-limiti imposti fuq is-setgħa ta' evalwazzjoni tagħha [22]. Għalhekk, l-identifikazzjoni ta' tali ksur tippreżupponi l-konstatazzjoni ta' irregolarità li kieku ma tkunx twettqet, f'ċirkustanzi analogi, minn amministrazzjoni normalment prudenti u diliġenti [23].

21. Barra minn hekk, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-ksur ta' regola tad-dritt tal-Unjoni għandux jitqies li huwa suffiċjentement serju, għandu jsir riferiment għall-qasam, għall-kundizzjonijiet kif ukoll għall-kuntest li fih tintervjeni l-istituzzjoni, fejn l-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni f'dan ir-rigward huma, b'mod partikolari, il-livell ta' ċarezza u ta' preċiżjoni tar-regola miksura kif ukoll il-portata tal-marġni ta' evalwazzjoni li din ir-regola tħalli lill-awtorità tal-Unjoni, il-kumplessità tas-sitwazzjoni li għandha tiġi rregolata, id-diffikultajiet ta' applikazzjoni jew ta' interpretazzjoni tat-testi kif ukoll in-natura skużabbli jew mhux skużabbli ta' eventwali żball ta' liġi [24].

22. F'dan ir-rigward, il-portata tal-marġni ta' evalwazzjoni li d-dispożizzjoni legali miksura tħalli lill-awtorità tal-Unjoni hija biss element wieħed fost oħrajn li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk din l-awtorità wettqitx ksur suffiċjentement serju ta' din ir-regola. Jekk dan ikun element rilevanti, li għandu jiġi eżaminat fil-każijiet kollha, l-assenza ta' marġni ta' evalwazzjoni mħolli mid-dispożizzjoni miksura ma għandhiex neċessarjament bħala konsegwenza li l-ksur tagħha huwa suffiċjentement serju. Fil-fatt, skont iċ-ċirkustanzi ta' kull każ, jistgħu wkoll jittieħdu inkunsiderazzjoni elementi oħra, fid-dawl tal-kuntest li fih twettaq il-ksur ikkonstatat. Għalhekk, il-ksur ta' dispożizzjoni legali li ma tħalli ebda marġni ta' evalwazzjoni lill-awtorità kkonċernata jista', fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' kull każ, ma jidhirx manifest, u għalhekk suffiċjentement serju, b'mod partikolari jekk jirriżulta minn żball ta' liġi skużabbli fid-dawl tad-diffikultajiet ta' interpretazzjoni tat-test li jinkludi din ir-regola [25].

23. Konsegwentement, il-kriterju ta' responsabbiltà applikat mill-Qorti tal-Ġustizzja jinkludi, minn naħa, element suġġettiv li jikkonċerna l-marġni ta' evalwazzjoni mogħti lill-istituzzjoni u, min-naħa l-oħra, elementi oġġettivi relatati mal-kuntest [26]. Jekk, f'ċerti sitwazzjonijiet, is-sempliċi ksur tad-dritt tal-Unjoni jista' jwassal sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju meta r-regola miksura tħalli lill-awtorità tal-Unjoni li wettqet dan il-ksur marġni ta'

[22] Ara s-sentenza tal-11 ta' Jannar 2024, Dyson *et* vs Il-Kummissjoni (C-122/22 P, iktar 'il quddiem is-"sentenza Dyson", EU:C:2024:11, punt 48 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Ir-rekwiżit ta' ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni huwa intiż, tkun xi tkun in-natura tal-att illegali inkwistjoni, sabiex jiġi evitat li r-riskju li jkollhom ibatu d-danni allegati mill-individwi kkonċernati ma jostakolax il-kapaċità tal-istituzzjoni kkonċernata li teżerċita b'mod sħiħ il-kompetenzi tagħha fl-interess ġenerali, kemm fil-kuntest tal-attività tagħha ta' portata regolatorja jew li jinvolvu għażliet ta' politika ekonomika kif ukoll fl-isfera tal-kompetenza amministrattiva tagħha, mingħajr madankollu ma tħalli fuq l-individwi l-oneru tal-konsegwenzi ta' nuqqasijiet flagranti u mhux skużabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Marzu 2010, Artegodan vs Il-Kummissjoni T-429/05, EU:T:2010:60, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[23] Ara s-sentenza Dyson (punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[24] Ara s-sentenza Dyson (punti 50 u 51 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

[25] Ara s-sentenza Dyson (punti 52 u 53 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Ara, ukoll, Wildemeersch, J., "Section 2 –"Les conditions du recours en responsabilité", *Contentieux de la légalité des actes de l'Union européenne*, Brussell, 2019, p. 466 sa 479, kif ukoll Nicolaides, P., "The discretion of competition authorities and their liability for damage they cause with erroneous decisions", *European Competition Law* Review, 2024, Vol. 45, Nru 7, p. 308 sa 316.

[26] Ara, f'dan is-sens, Lenaerts, K., *et al*. *EU Procedural* Law, it-tieni edizzjoni, Oxford University Press, 2023, p. 501. Skont dawn l-awturi, il-kriterju ta' responsabbiltà applikat mill-qrati tal-Unjoni jinkludi element suġġettiv marbut mas-setgħa diskrezzjonali li għandhom l-istituzzjoni, il-korp, l-organu jew l-aġenzija, flimkien mat-teħid inkunsiderazzjoni ta' fatturi bħal, b'mod partikolari, il-kumplessità tas-sitwazzjonijiet li għandhom jiġu rregolati, id-diffikultajiet ta' applikazzjoni jew ta' interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni, il-livell ta' ċarezza u ta' preċiżjoni tar-regola tad-dritt tal-Unjoni li nkisret u n-natura mhux skużabbli jew intenzjonali tal-iżball.

evalwazzjoni mnaqqas biss, jew saħansitra ineżistenti[27], tali konstatazzjoni tista' tirriżulta biss miċ-ċirkustanzi kollha madwar dan il-ksur, meta l-eżami tagħhom ma jiżvela ebda element rilevanti ieħor li jwassal sabiex tiġi eskluża n-natura manifesta u gravi tal-ksur ta' dan il-limitu tas-setgħa ta' evalwazzjoni[28].

24. F'dan il-każ, ġie deċiż, fis-sentenzi Tercas, li l-illegalità tad-deċiżjoni Tercas kienet tirriżulta, essenzjalment, minn żewġ żbalji kunċettwali marbuta, l-ewwel wieħed, ma' konfużjoni bejn il-kundizzjoni dwar l-imputabbiltà ta' għajnuna u dik dwar ir-riżorsi tal-Istat[29] u, it-tieni wieħed, dwar l-evalwazzjoni tal-kundizzjoni tal-imputabbiltà lill-Istat tal-għajnuna, mogħtija f'dan il-każ minn entità privata, permezz tal-istess test applikat meta għajnuna tingħata minn impriża pubblika[30].

25. Fl-ewwel lok, rigward il-konfużjoni bejn il-kundizzjoni relatata mal-imputabbiltà ta' għajnuna u dik relatata mar-riżorsi tal-Istat, nikkonstata li, fid-deċiżjoni Tercas, il-Kummissjoni ma għamlitx distinzjoni bejn dawn iż-żewġ kundizzjonijiet peress li l-indizji marbuta ma' dawn il-kundizzjonijiet kienu, skont hi, identiċi.

26. F'dan ir-rigward, nirrileva li ma huwiex inabitwali li l-Kummissjoni, bħall-qorti tal-Unjoni, tevalwa b'mod konġunt uħud mill-kriterji li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, meta l-elementi fattwali eżaminati jkunu komuni għal dawn il-kundizzjonijiet[31]. Dan huwa b'mod partikolari l-każ tal-kundizzjonijiet relatati mal-vantaġġ għall-benefiċjarju u tas-selettività tal-miżura

[27] Pereżempju, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet li s-sempliċi ksur tad-dritt tal-Unjoni seta' jkun biżżejjed sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju ta' dan id-dritt, li jista' jagħti lok għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, f'każ fejn il-Kummissjoni – filwaqt li tkun obbligata tirrimborsa lil impriża l-ammont tal-multa mħallsa provviżorjament, flimkien ma' interessi moratorji, wara l-annullament ta' deċiżjoni li permezz tagħha hija kienet ikkonstatat li din l-impriża kienet kisret l-Artikolu 101 TFUE – kienet naqset milli tħallas dawn l-interessi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Jannar 2021, Il-Kummissjoni vs Printeos C-301/19 P, EU:C:2021:39, punti 104 u 105).

[28] Ara s-sentenza Dyson (punt 54). Fi kliem ieħor, ma teżisti ebda rabta awtomatika bejn l-assenza ta' setgħa ta' evalwazzjoni tal-istituzzjoni kkonċernata u l-klassifikazzjoni tal-ksur bħala "ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni". Fil-fatt, minkejja li hija ta' natura determinanti, il-portata tas-setgħa ta' evalwazzjoni tal-istituzzjoni kkonċernata ma tikkostitwixxix kriterju esklużiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Marzu 2010, Artegodan vs Il-Kummissjoni, T-429/05, EU:T:2010:60, punti 59 u 60 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

[29] Fil-punt 70 tas-sentenza Tercas tal-Qorti Ġenerali, din ikkritikat, essenzjalment, lill-Kummissjoni talli ma ppruvatx tiddistingwi b'mod ċar, f'dan il-każ, l-imputabbiltà tal-miżura lill-Istat mill-kwistjoni dwar jekk din il-miżura kinitx ingħatat permezz tar-riżorsi tal-Istat, li jikkostitwixxu kundizzjonijiet distinti u kumulattivi. Fis-sentenza Tercas tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddeċidietx dwar dan l-aspett, iżda eżaminat biss il-kundizzjoni tal-imputabbiltà tal-miżuri kontenzjużi lill-awtoritajiet Taljani (ara l-punt 64 ta' din is-sentenza).

[30] Mill-punti 87 sa 90 tas-sentenza Tercas tal-Qorti Ġenerali, kif ikkonfermati mill-punt 67 tas-sentenza Tercas tal-Qorti tal-Ġustizzja, jirriżulta li l-Kummissjoni ma setgħetx tibbaża ruħha fuq l-improbabbiltà ta' assenza ta' influwenza u ta' kontroll effettiv tal-awtoritajiet pubbliċi fuq l-entità privata li tagħti l-għajnuna, iżda kienet obbligata tesponi u ssostni indizji suffiċjenti ta' natura li jistabbilixxu li l-miżura ta' għajnuna inkwistjoni kienet ġiet adottata taħt l-influwenza jew il-kontroll effettiv tal-awtoritajiet pubbliċi. Essenzjalment, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-assenza ta' "rabta kapitalistika" bejn l-entità kkonċernata u l-Istat (ara l-punt 73 tas-sentenza Tercas tal-Qorti tal-Ġustizzja).

[31] Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-lista tal-elementi li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE tvarja hija stess skont jekk, fiċ-ċirkustanzi, uħud minn dawn l-elementi humiex suġġetti għal evalwazzjoni konġunta. Fuq il-bażi tal-iktar enumerazzjoni ddettaljata, jistgħu jintgħarfu l-elementi li ġejjin: l-imputabbiltà tal-miżura lill-Istat u l-użu tar-riżorsi tal-Istat (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs L-Italja *et*, C-425/19 P, EU:C:2021:154, punt 58 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata); il-vantaġġ ekonomiku għall-benefiċjarju (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg, C-280/00, EU:C:2003:415, punt 84 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata); is-selettività tal-miżura (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-10 ta' Settembru 2024, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda *et*, C-465/20 P, EU:C:2024:724, punt 75 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata); id-distorsjoni tal-kompetizzjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2000, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-156/98, EU:C:2000:467, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata), u l-ostakolu għall-kummerċ bejn l-Istati Membri (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2024, Fallimento Esperia u GSE, C-558/22, EU:C:2024:209, punt 64 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

(pereżempju fir-rigward tal-għajnuna fiskali)[32], il-kundizzjonijiet għad-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effetti fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri[33] u, għal dak li huwa rilevanti f'dan il-każ, il-kundizzjonijiet tal-imputabbiltà ta' miżura lill-Istat u tal-użu ta' riżorsi statali[34].

27. Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-evalwazzjoni tal-kundizzjoni tal-imputabbiltà tal-għajnuna lill-Istat, huwa minnu li, kif jirriżulta mis-sentenzi Tercas[35] il-Kummissjoni ma setgħetx, f'dan il-każ, tibbaża ruħha fuq l-*improbabbiltà ta' assenza ta' influwenza u kontroll effettiv tal-awtoritajiet pubbliċi* fuq il-FITD, iżda kienet obbligata tistabbilixxi li l-miżura ta' għajnuna inkwistjoni kienet ġiet *adottata taħt l-influwenza jew il-kontroll effettiv tal-awtoritajiet pubbliċi*. Skont il-qorti tal-Unjoni, il-Kummissjoni, essenzjalment, applikat test żbaljat.

28. Minkejja dan, inqis li, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, il-Kummissjoni kellha teżamina sensiela kumplessa ta' indizji sabiex tistabbilixxi l-grad ta' involviment tal-awtoritajiet pubbliċi fl-għoti tal-miżuri li kienu ġew ipprovduti minn entità, bħall-FITD, li n-natura "privata" tiegħu ma kinitx evidenti mad-daqqa ta' għajn, b'mod partikolari fid-dawl tan-natura ibrida tiegħu u tar-rabtiet li huwa kellu mal-Bank tal-Italja[36]. Għalhekk, kif ġustament ammettiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 120 tas-sentenza appellata, il-Kummissjoni kellha tapplika l-kunċett ta' "għajnuna mill-Istat" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE f'kuntest ġuridiku u fattwali partikolarment kumpless, li fih il-miżuri ta' għajnuna kienu ngħataw minn entità privata, u b'hekk jiġu evalwati ċ-ċirkustanzi u l-elementi li jippermettu li tiġi dedotta l-imputabbiltà tal-miżura, il-kuntest fattwali u ġuridiku tal-miżuri nazzjonali koperti mid-deċiżjoni Tercas, l-involviment tar-rappreżentanti tal-Istat fid-diversi stadji tal-intervent kif ukoll il-mandat pubbliku mogħti lill-FITD.

29. Barra minn hekk, għalkemm il-kunċett ta' "għajnuna mill-Istat" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE jikkostitwixxi kunċett oġġettiv, l-interpretazzjoni tal-kriterji kostituttivi tiegħu tista', anki meta ma teħtieġx analiżi fattwali jew ekonomika kumplessa[37], tqajjem, bħal f'dan il-każ, kwistjonijiet legali kumplessi[38]. Fil-fatt, anki fl-assenza ta' marġni ta' evalwazzjoni, l-eżami tal-fatti jista', min-natura tiegħu stess, iwassal għal diffikultajiet fl-interpretazzjoni u, fuq kollox, fl-applikazzjoni tal-kunċetti ġuridiċi sottostanti kif ukoll iwassal għal żbalji kunċettwali bħal dawk attribwiti lill-Kummissjoni f'dan il-każ[39].

[32] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et* (C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[33] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017, Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania (C-74/16, EU:C:2017:496, punt 78).

[34] Pereżempju, fis-sentenza Tercas tal-Qorti tal-Ġustizzja, din tal-aħħar ippreċiżat, fit-tfakkir tal-ġurisprudenza tagħha, li l-klassifikazzjoni bħala "għajnuna mill-Istat" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, tippreżupponi li jiġu ssodisfatti erba' kundizzjonijiet, li l-ewwel waħda minnhom hija "jkun hemm intervent tal-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat" (ara l-punt 57 ta' din is-sentenza).

[35] Ara, rispettivament, il-punti 87 sa 89 tas-sentenza Tercas tal-Qorti Ġenerali u l-punti 65 sa 67 tas-sentenza Tercas tal-Qorti tal-Ġustizzja.

[36] Il-FITD kien, skont id-definizzjoni tal-Kummissjoni, entità privata li kellha relazzjoni mill-qrib ħafna mal-awtoritajiet pubbliċi, b'mod partikolari, permezz tal-formazzjoni tagħha, il-missjoni tagħha, l-organizzazzjoni tagħha, l-oriġini tagħha u l-evoluzzjoni tal-miżura (ara, f'dan is-sens, il-punti 121 sa 131 tad-deċiżjoni Tercas).

[37] Dan huwa, b'mod partikolari, il-każ tal-applikazzjoni tal-"prinċipju tal-operatur privat" fil-kuntest tal-eżami tal-kundizzjoni tal-vantaġġ għall-benefiċjarju (ara, pereżempju, is-sentenza tal-11 ta' Novembru 2021, Autostrada Wielkopolska vs Il-Kummissjoni u Il-Polonja, C-933/19 P, EU:C:2021:905, punt 116 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

[38] Ara, bħala eżempju, Merola, M., u Caliento, F., "Is the notion of aid broadening or shrinking over time, and if so, why? A subjective view on the rationale of the case law", *EU State Aid Law*, Edward Elgar Publishing, Cheltenham, 2020, p. 18 sa 53. Dawn l-awturi jelenkaw diversi eżempji li jenfasizzaw id-diffikultajiet inerenti għad-definizzjoni ta' għajnuna mill-Istat, b'mod partikolari, f'dak li jirrigwarda l-kunċett ta' "riżorsi statali" (ara, b'mod partikolari, p. 26 sa 31), u jikkonstataw ukoll żieda reċenti fil-kawżi li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali.

[39] Għandu jiġi rrilevat, f'dan ir-rigward, li s-sentenza Tercas ngħatat mill-Qorti tal-Ġustizzja sedenti bħala Awla Manja.

30. Għaldaqstant, inqis li, anki jekk il-Kummissjoni kellha, f'dan il-każ, marġni ta' evalwazzjoni mnaqqas, jew saħansitra ineżistenti, il-kumplessità tas-sitwazzjoni eżaminata minnha tibqa' rilevanti sabiex jiġi vverifikat jekk din l-istituzzjoni wettqitx ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni [40]. Għaldaqstant, il-kriterju rilevanti, sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta' "ksur suffiċjentement serju", jibqa', fi kwalunkwe każ, dak tal-aġir ta' amministrazzjoni diliġenti.

31. Minn dan isegwi li l-iżbalji mwettqa mill-Kummissjoni f'dan il-każ jistgħu jiġu kklassifikati bħala "sempliċi żbalji ta' evalwazzjoni", li ma jistgħux ikunu suffiċjenti, bħala tali, sabiex jiġi konkluż li jeżisti ksur manifest u gravi tad-dritt tal-Unjoni – jew, fi kliem ieħor, irregolarità li ma kinitx titwettaq, f'ċirkustanzi analogi, minn amministrazzjoni normalment prudenti u diliġenti – ta' natura li tistabbilixxi r-responsabbiltà tal-Unjoni [41].

32. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li t-tieni aggravju jiġi miċħud.

Fuq it-tielet aggravju

33. It-tielet aggravju huwa bbażat fuq ksur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, kif ukoll tal-Artikolu 91(e) u tal-Artikolu 96 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, meta din tal-aħħar ikkonkludiet li ma teżistix rabta kawżali bejn l-aġir illegali tal-Kummissjoni u d-danni allegati, jiġifieri deterjorament tal-fiduċja tal-klijentela fir-rigward tagħha [42].

34. Konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kundizzjoni dwar l-eżistenza ta' rabta kawżali tirrigwarda, essenzjalment, l-eżistenza ta' rabta suffiċjentement diretta ta' kawża u effett bejn l-aġir tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u d-dannu, rabta li għandha tiġi ppruvata mill-appellanti, b'tali mod li l-aġir ikkritikat għandu jkun il-kawża determinanti tad-dannu [43].

35. F'dan il-każ l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali, fl-ewwel lok, talli ddeċidiet, sabiex teskludi l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir tal-Kummissjoni u l-kapijiet ta' dannu relatati mat-telf ta' klijentela, li hija ma kinitx għamlet distinzjoni bejn il-klijenti tagħha stess minn dawk ta' Tercas u lanqas ma ppreċiżat il-valuri attribwibbli lil kull wieħed minnhom.

[40] Ara l-punti 23 u 24 ta' dawn il-konklużjonijiet. Fil-fatt, f'tali sitwazzjonijiet, ir-rekwiżit ta' ksur *suffiċjentement serju* tad-dritt tal-Unjoni jiġi mċaħħad minn effett utli jekk kull ksur imwettaq mill-Kummissjoni, bħal kull amministrazzjoni pubblika li taġixxi fl-oqsma tal-għarfien espert tagħha, kien biżżejjed sabiex jiġi ssodisfatt dan ir-rekwiżit.

[41] Sabiex nirrepeti l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni ppreżentati fis-seduta, din hija sitwazzjoni li fiha hija wettqet żball (u, f'dan ir-rigward, għamlet il-"*mea culpa*" tagħha), iżda li, madankollu, ma tmurx lil hinn minn dak li huwa mistenni minn amministrazzjoni diliġenti (u li, f'tali ipoteżi, kellha tagħmel il-"*mea maxima culpa*" tagħha).

[42] Ara l-punti 132 sa 161 tas-sentenza appellata.

[43] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-27 ta' April 2023, Fondazione Cassa di Risparmio di Pesaro *et* vs Il-Kummissjoni (C-549/21 P, EU:C:2023:340, punt 114 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll, f'dan is-sens, Lenaerts, K., *et al.*, *EU Procedural* Law, it-tieni edizzjoni, Oxford University Press, 2023, p. 512 sa 514. Kif jirrilevaw dawn l-awturi, ma teżistix formulazzjoni standard, fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fir-rigward ta' dan ir-rekwiżit, li huwa espress b'modi differenti mill-qorti tal-Unjoni, peress li l-idea prinċipali sottostanti hija li l-Unjoni hija responsabbli biss għad-danni li jikkostitwixxu l-konsegwenza diretta tal-atti jew tal-aġir illegali tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-organi tagħha (ara, ukoll, Wildemeersch, J., "Section 2 - Les conditions du recours en responsabilité", *Contentieux de la légalité des actes de l'Union européenne*, Bruylant, Brussell, 2019, p. 484 sa 487). Barra minn hekk, ċerti awturi jagħmlu, min-naħa tagħhom, distinzjoni bejn, minn naħa, il-kunċett tal-"kawżalità ta' fatt", li jirrispondi għall-kwistjoni dwar jekk l-aġir illegali huwiex "*conditio sine qua non*" tad-dannu invokat, u, min-naħa l-oħra, il-"kawżalità ta' dritt", li timponi rekwiżiti supplimentari sabiex tiġi eskluża r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet jew tal-korpi tal-Unjoni għal danni remoti wisq billi jeżiġu li d-dannu jirriżulta b'mod suffiċjentement dirett mill-aġir illegali, li teżisti rabta suffiċjentement diretta bejn l-aġir u d-dannu jew li l-aġir ikun il-kawża determinanti tad-dannu (ara, f'dan is-sens, Biondi, A., u Farley, M., *The right to damages in European* law, Kluwer Law International, 2009, p. 146 sa 154). Din l-istess distinzjoni ġiet riprodotta fil-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Ćapeta fil-kawża WS *et* vs Frontex (Operazzjoni konġunta ta' ritorn) (C-679/23 P, EU:C:2025:427, punti 101 sa 109). Ara wkoll, għal studju komparattiv tal-approċċi differenti tal-kawżalità f'diversi Stati tal-Unjoni Ewropea, Infantino, M., u Zervogianni, E., "The European Ways to Causation", *Causation in European Tort Law*, Cambridge University Press, 2017, p. 85 sa 128, kif ukoll Bussani, M., Sebok, A., J., u Infantino, M., "Causation", *Common Law and Civil Law Perspectives on Tort* Law, Oxford Academic, edizzjoni online, 2022, p. 177 sa 212.

36. Issa, kuntrarjament għal dak li ssostni l-appellanti, il-Qorti Ġenerali ma llimitatx ruħha li tikkonstata li din ma kinitx għamlet distinzjoni bejn il-klijentela tagħha stess u dik ta' Tercas, iżda ddeċidiet li hija lanqas ma kienet ippreżentat argumenti speċifiċi intiżi sabiex jiġi ddeterminat jekk it-telf ta' klijentela u ta' depożiti diretti ta' Tercas kinux imputabbli għad-deċiżjoni Tercas [44], ħaġa li l-appellanti ma kkontestatx.

37. Fi kwalunkwe każ, fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li d-deċiżjonijiet tal-klijenti tal-appellanti, li kkawżaw id-dannu allegat, kienu ġew adottati fil-kuntest ta' kunsiderazzjonijiet u ta' evalwazzjonijiet imwettqa minn dawn tal-aħħar fid-dawl tal-interessi finanzjarji tagħhom, fid-dawl taċ-ċirkustanzi li ġejjin: l-ewwel, il-klijenti tal-appellanti ma kellhom ebda obbligu ġuridiku li jirriżulta mid-deċiżjoni Tercas; sussegwentement, din id-deċiżjoni ma kienet tinkludi ebda element li kien jissuġġerixxi li l-appellanti ma kinitx f'pożizzjoni li tadotta miżuri alternattivi favur Tercas jew intiżi li jnaqqsu l-kredibbiltà tal-appellanti u l-fiduċja tal-klijenti tagħha fil-konfront tagħha; fl-aħħar nett, sa mit-tħabbir tad-deċiżjoni Tercas, il-Gvern Taljan u l-appellanti kienu indikaw li miżuri ta' intervent volontarji kienu diġà lesti u, konsegwentement, mid-deċiżjoni Tercas ma jirriżulta ebda effett negattiv [45].

38. F'dan ir-rigward, l-appellanti tillimita ruħha li tikkritika l-konklużjonijiet tal-Qorti Ġenerali, mingħajr ma turi li dawn huma bbażati fuq żball ta' liġi jew fuq żnaturament tal-fatti jew tal-provi.

39. Fit-tieni lok, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li b'mod żbaljat irreferiet għas-sentenza Fondazione Cassa di Risparmio di Pesaro *et* vs Il-Kummissjoni [46].

40. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-Qorti Ġenerali rreferiet għal din is-sentenza biss sabiex tiċħad l-argument tal-appellanti li din tikkonferma l-pożizzjoni tagħha u kkonkludiet li l-imsemmija sentenza ma kinitx suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabta kawżali. Għaldaqstant, il-kritika fformulata mill-appellanti ma hijiex ta' natura li tikkontesta l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali li ma hijiex ibbażata fuq din is-sentenza.

41. Fit-tielet lok, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli kkonstatat li diversi elementi kkontribwixxew sabiex jiġu kkawżati d-danni allegati.

42. F'dan ir-rigward, infakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa neċessarju li d-dannu invokat ikun ġie effettivament ikkawżat mill-aġir li bih huma kkritikati l-istituzzjonijiet. Fil-fatt, anki fl-ipoteżi ta' eventwali kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni għad-dannu li għalih qed jintalab il-kumpens, din il-kontribuzzjoni tista' tkun remota wisq minħabba fatturi oħra, bħar-responsabbiltà li taqa' fuq terzi jew, jekk ikun il-każ, fuq ir-rikorrenti [47]. Minbarra dan, jekk il-kwistjoni tal-eżistenza ta' rabta kawżali bejn il-fatt li ħoloq id-dannu u d-dannu

[44] Ara l-punt 137 tas-sentenza appellata.

[45] Ara l-punti 138 sa 141 tas-sentenza appellata.

[46] Sentenza tas-27 ta' April 2023 (C-549/21 P, EU:C:2023:340). L-appellanti tenfasizza, b'mod partikolari, li, b'differenza mill-kawża li kienet is-suġġett ta' din is-sentenza, li fiha l-Kummissjoni eżerċitat pressjoni fuq l-awtoritajiet Taljani li ma kinitx tirrigwarda miżura konkreta, f'din il-kawża, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni vinkolanti.

[47] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Marzu 2010, Trubowest Handel u Makarov vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-419/08 P, EU:C:2010:147, punt 59 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Fil-fatt, il-kunċett ta' "rabta suffiċjentement diretta" huwa interpretat b'mod restrittiv mill-ġurisprudenza tal-qorti tal-Unjoni, kif tikkonferma, b'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali, meta ddeċidiet li s-sempliċi fatt li l-aġir allegatament illegali tal-istituzzjoni jew tal-korp tal-Unjoni kkonċernat kien jikkostitwixxi kundizzjoni neċessarja (*conditio sine qua non*) għall-okkorrenza tad-dannu, fis-sens li dan ma kienx iseħħ fl-assenza ta' dan l-aġir, ma huwiex biżżejjed sabiex tiġi stabbilita rabta suffiċjentement diretta ta' kawżalità fis-sens ta' din il-ġurisprudenza (ara, b'mod partikolari is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Mejju 2019, Remag Metallhandel u Jaschinsky vs Il-Kummissjoni, T-631/16, EU:T:2019:352, punt 52 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll Havu, K., u Kurki-Suonio, S., "Damages Liability of the EU for Harm Caused by Excessive Duration of Court Proceedings", *European Public Law*, Vol. 27, 2021, Nru 2, p. 305 sa 330.

tikkostitwixxi kwistjoni ta' liġi u taqa', f'dan ir-rigward, taħt l-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell [48], l-evalwazzjoni fattwali tar-rabta kawżali applikata mill-Qorti Ġenerali tevita, min-naħa l-oħra, il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-appell, ħlief fil-każ ta' żnaturament tal-fatti jew tal-provi [49]. Tali żnaturament ma jistax jitqies ħlief meta tirriżulta b'mod manifest mill-atti tal-proċess u mingħajr ma jkun neċessarju li ssir evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi, li l-evalwazzjoni tal-provi eżistenti tidher manifestament żbaljata [50].

43. F'dan il-każ, l-appellanti tikkontesta erba' mill-ħames elementi li l-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni, fil-punti 144 sa 149 tas-sentenza appellata, sabiex tiċħad l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir tal-Kummissjoni u d-dannu allegat, jiġifieri, l-ewwel, l-eżistenza ta' telf inkluż fil-bilanċ kontabbli tal-2015; it-tieni, l-assenza ta' informazzjoni lill-investituri, li wasslet għall-applikazzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi u ta' investigazzjonijiet kriminali; it-tielet, il-fatt li Tercas kienet diġà bank inadempjenti matul is-sena 2013, u, ir-raba', il-fatt li l-ispejjeż iġġenerati mill-miżuri ta' mitigazzjoni tal-allegati effetti negattivi tad-deċiżjoni Tercas ma kinux imputabbli għal din id-deċiżjoni [51].

44. Preliminarjament, inqis li, kuntrarjament għall-argumenti tal-appellanti, l-effett ta' kawżi potenzjali konkomitanti ma huwiex neċessarjament limitat għall-kwantifikazzjoni tal-kumpens iżda jista', jekk ikun il-każ, jaffettwa l-eżistenza stess ta' rabta kawżali bejn l-aġir ikkritikat u d-dannu allegat.

45. L-ewwel, fir-rigward tat-telf inkluż fil-bilanċ kontabbli għas-sena 2015, l-appellanti ssostni li, skont l-esperti tagħha stess, dan it-telf seta' jikkontribwixxi l-iktar l-iktar għal parti mit-telf tal-klijentela, li dawn l-esperti jikkalkolaw f'50 % [52]. Madankollu, hija ma turix li s-sentenza appellata hija vvizzjata minn użu ħażin tal-fatti jew tal-provi u lanqas ma tikkontesta l-elementi l-oħra tal-kuntest meħuda inkunsiderazzjoni mill-Qorti Ġenerali f'dan ir-rigward, jiġifieri, qabelxejn, il-fatt li, mal-akkwist ta' Tercas matul is-sena 2014, l-indikaturi finanzjarji tal-appellanti ma kinux waqfu jiddeterjoraw u li t-tnaqqis tal-valur unitarju tal-azzjonijiet miżmuma minnha, deċiż bħala tweġiba u fl-istess ħin mal-approvazzjoni tar-rapport annwali tal-appellanti għas-sena 2015 (b'mod iktar preċiż, fl-24 ta' April 2016), kien wassal għal skuntentizza tal-klijentela tagħha [53]; sussegwentement, il-konstatazzjoni li, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni Tercas, b'mod partikolari bejn ix-xhur ta' Diċembru 2014 u Diċembru 2015, l-appellanti kienet diġà tilfet 4.9 % tad-depożiti diretti tagħha [54], fl-aħħar nett, il-fatt li r-riforma tal-banek kooperattivi, li l-appellanti stess identifikat bħala waħda mir-raġunijiet li għalihom hija kellha tirrevedi l-pjan industrijali tagħha 2015-2019 u tissostitwixxih bi pjan ġdid 2016-2020, ikkontribwixxiet ukoll sabiex titnaqqas il-fiduċja tal-klijentela tagħha [55].

[48] Ara, b'mod partikolari, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Il-Kummissjoni vs Schneider Electric (C-440/07 P, EU:C:2009:459, punt 192).

[49] Ara, b'mod partikolari, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2017, Agriconsulting Europe vs Il-Kummissjoni (C-198/16 P, EU:C:2017:784, punt 22).

[50] Ara, b'mod partikolari, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Awwissu 2025, Franza u Il-Kummissjoni vs CWS Powder Coatings *et* (C-71/23 P u C-82/23 P, EU:C:2025:601, punt 67 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

[51] Min-naħa l-oħra, l-appellanti ma tikkontestax l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali, esposta fil-punt 148 tas-sentenza appellata, li hija ma spjegatx kif id-deċiżjoni Tercas ipprekludietha milli tattira klijenti ġodda, minkejja li l-intervent volontarju (li ssostitwixxa l-intervent tal-FITD favur Tercas u li ma ġiex awtorizzat b'din id-deċiżjoni) kien diġà ġie deċiż xahrejn wara l-imsemmija deċiżjoni. Madankollu, niddubita li dan l-element waħdu seta' jservi ta' bażi għall-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali dwar il-kawżi konkomitanti tad-dannu allegat.

[52] B'dan il-mod, l-appellanti stess tammetti l-eżistenza ta' fattur addizzjonali li seta' kkontribwixxa għad-dannu allegat.

[53] Ara l-punt 144 tas-sentenza appellata.

[54] Ara l-punt 146 tas-sentenza appellata.

[55] Ara l-punt 153 tas-sentenza appellata.

46. It-tieni, fir-rigward tal-fatt li, skont l-appellanti, is-sanzjonijiet imposti fuq it-tmexxija tagħha kienu ġew adottati wara li seħħ id-dannu invokat, għandu jiġi kkonstatat li, fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali sabet li mid-deċiżjonijiet tal-Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (Consob) (il-Kummissjoni Nazzjonali tal-Kumpanniji u tal-Borża, l-Italja) jirriżulta li, fil-kuntest taż-żidiet fil-kapital li seħħew bejn ix-xhur ta' Novembru 2014 u ta' Ġunju 2015, l-appellanti ma kinitx informat lill-investituri bil-metodu applikat u b'hekk kienet iffissat il-prezz tal-azzjonijiet f'livell ogħla minn dak stabbilit mill-espert inkarigat li jiddeterminah, b'tali mod li l-amministrazzjoni tal-appellanti kienet is-suġġett ta' sanzjonijiet amministrattivi u ta' investigazzjonijiet kriminali mis-sena 2017 [56]. Għaldaqstant, skont l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali, dawn is-sanzjonijiet, adottati wara l-perijodu allegat ta' twettiq tad-dannu, kienu sempliċement jikkonfermaw l-aġir preċedenti tal-appellanti, li probabbilment kien il-kawża tat-telf ta' fiduċja tal-klijentela tagħha.

47. It-tielet, fir-rigward tal-inadempjenza preċedenti ta' Tercas [57], l-appellanti ssostni li din l-inadempjenza ma setgħetx tirrappreżenta kawża determinanti tad-dannu inkwistjoni, peress li din kienet tikkostitwixxi ċirkustanza magħrufa għal żmien twil u li, minħabba dan l-istat ta' inadempjenza, il-proċess ta' integrazzjoni ta' Tercas fi ħdan l-appellanti kien ġie ppreċedut, sa mis-sena 2014, mhux biss minn kopertura sħiħa tad-defiċit finanzjarju ta' Tercas mill-FITD, iżda wkoll minn interventi addizzjonali ta' konsolidazzjoni tal-fondi proprji kemm ta' Tercas kif ukoll tal-appellanti. Issa, għandu jiġi kkonstatat li dawn l-argumenti ma jurux li s-sitwazzjoni finanzjarja ta' Tercas ma kinitx inadempjenti, u lanqas li l-Qorti Ġenerali għamlet distorsjoni tal-fatti jew tal-provi f'dan ir-rigward.

48. Ir-raba', fir-rigward tal-ispejjeż iġġenerati mill-miżuri ta' mitigazzjoni tal-allegati effetti negattivi tad-deċiżjoni Tercas [58], l-appellanti ma wrietx li, kieku din id-deċiżjoni ma kinitx ittieħdet, ma kienx ikun hemm tnaqqis tad-depożiti jew telf ta' klijentela, u lanqas li l-miżuri korrettivi kienu ġew effettivament adottati bi tweġiba għal telf speċifikament marbut mal-imsemmija deċiżjoni u mhux ma' ċirkustanzi oħra.

49. Fir-raba' lok, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li ddeċidiet li ma kinux affidabbli r-rapporti tekniċi li hija kienet ipproduċiet, jiġifieri wieħed minn uffiċċju tal-awditu, l-ieħor minn professur universitarju, mingħajr ma ordnat perizja fis-sens tal-Artikolu 91(e) u tal-Artikolu 96 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

50. Madankollu, nikkonstata li, fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma llimitatx ruħha li tikkontesta l-affidabbiltà ta' dawn ir-rapporti. Għall-kuntrarju, hija qieset, l-ewwel, li r-rapport tekniku tal-uffiċċju tal-awditu ma kienx jipproduċi l-prova li d-deċiżjoni Tercas kienet il-kawża diretta u determinanti ta' dan id-dannu; it-tieni, li l-affidabbiltà tar-rapport tekniku tal-professur universitarju kienet imdgħajfa mill-fatt li dan kien jammetti huwa stess li l-appellanti kienet ġarrbet telf sinjifikattiv matul is-sena 2015 u li, sa mill-aħħar tas-sena 2016, id-deċiżjoni Tercas kienet tikkostitwixxi biss fattur fost oħrajn li kkawża d-dannu allegat; u, it-tielet, li dawn iż-żewġ rapporti, li barra minn hekk kienu bbażati fuq dokumenti prodotti mill-appellanti, ma kienu jinkludu ebda analiżi legali dwar ir-rabta kawżali bejn id-deċiżjoni Tercas u d-dannu allegat [59].

[56] Ara l-punt 145 tas-sentenza appellata.

[57] Ara l-punt 146 tas-sentenza appellata.

[58] Ara l-punt 149 tas-sentenza appellata.

[59] Ara l-punti 156 u 158 tas-sentenza appellata.

51. Fi kwalunkwe każ, jidhirli, għal darba oħra, li r-rikorrenti sempliċement tikkontesta l-evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi ta' fatt magħmula mill-Qorti Ġenerali, billi tipproponi evalwazzjoni ġdida, mingħajr madankollu ma turi, u lanqas tinvoka, l-eżistenza ta' żnaturament tal-fatti jew tal-provi.

52. Barra dan, fir-rigward tal-argument li l-Qorti Ġenerali kienet warrbet ir-rapporti tekniċi inkwistjoni mingħajr ma ordnat perizja, għandu jiġi enfasizzat li l-evalwazzjoni tal-opportunità li tiġi adottata miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura jew miżura istruttorja taqa' esklużivament taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni, li ma hijiex obbligata tagħmel dan meta tiddeċiedi li l-provi prodotti mill-partijiet ma humiex suffiċjenti sabiex tiġi evalwata l-eżistenza tar-rabta kawżali.

53. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li t-tielet aggravju jiġi miċħud.

Konklużjoni

54. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell.